It-Tħabbira tal-Milied fil-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl

It-Tħabbira tal-Milied
fil-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl

Iesus Gaudium Angelorum.

Daħla miċ-ċelebrant:
L-Aħwa għeżież, f'dan il-lejl qaddis,
ħa jitla' quddiem Alla,
mal-fwar tal-inċens,
l-għana ta' radd il-ħajr u t-tifħir tagħna,
imsieħeb ma' dak tal-Anġli.

Kristu, imnissel qabel kull żmien,
wettaq b'imħabba l-pjan tal-Missier
u sar bniedem, biex jifdina.

L-Etern daħal fiż-żmien,
u ż-żmien inżera bħal għalqa għammiela
mill-bidwi ta' dejjem.

Għalhekk, ejjew inħejju ruħna
biex nilqgħu lill-Feddej.
Nindmu min-nuqqasijiet tagħna
ħalli ngawdu l-ferħ tal-maħfra ta' Alla l-Ħanin,
u hekk niċċelebraw bħal aħwa t-twelid tal-Mulej.

Ħin ta' skiet u kant tal-Mulej Ħniena

Wara t-talba għall-maħfra, iċ-ċelebrant jgħid:
U issa ħuti, inħabbrilkom aħbar tajba,
ta' ferħ kbir għall-popli kollu;
isimgħuha bil-ferħ ħa nilqgħu fostna lill-Feddej.

Iċ-ċelebrant stess jew il-lettur iħabbar:
Għaddew eluf u eluf ta' snin minn meta fil-bidu,
Alla ħalaq is-sema u l-art u
dak kollu li jgħammar fihom
u kkmandalhom jikbru u joktru matul iż-żminijiet.

Għaddew eluf u eluf ta' snin
minn meta Alla nissel il-bniedem,
maħluq f'sura tixbaħ lilu,
sabiex jaħkem l-għeġubijiet tad-dinja,
jikkontempla l-kobor tal-ħolqien,
u jfaħħar lill-Ħallieq f'kull ħin.

Għaddew madwar elfejn sena
minn meta Abraham, missierna fil-fidi,
ubbidjenti għal-leħen ta' Alla
telaq lejn art mhux magħrufa
biex jagħti bidu għall-poplu l-magħżul.

Għaddew ukoll elf ħames mija u għaxar snin minn
meta Mosè għadda lill-ulied Abraham
bil-mixi minn nofs il-Baħar l-Aħmar,
f'xebħ minn qabel mal-familji tal-imgħammdin.

Għaddew seba mitt sena minn meta Iżraèl,
għal darb'oħra,
għalaq widnejh u qalbu
għall-profeti mibgħuta minn Alla
u hekk ġie meħud lejn Babilonja mill-Kaldej,
fit-tbatija tal-eżilju.
Hemm tgħallmu jittamaw fil-miġja tal-Feddej
li jġib l-ordni l-ġdid tas-Sliem u tal-Ħaqq,
tal-Imħabba u tal-Ħelsien.

Fis-sena tnejn u erbgħin
tas-saltna tal-Imperatur Awgustu,
f'Betlehem, raħal fqir u umli tal-Lhudija,
fi stalla twieled minn Marija Verġni,
għarusa ma' Ġużeppi,
mid-dar u l-familja ta' David,
Ġesù, il-Ħellies
li l-bnedmin kienu qed jistennew bil-ħerqa.

Il-Verb sar bniedem u għammar fostna,
u aħna rajna l-glorja tiegħu,
il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-Waħdieni.
Hallelujah! Hallelujah!

F'dan il-lejl Qaddis,
Alla ġabarna mill-ġdid,
biex nifirħu fis-solennità tat-twelid ta' Ibnu,
inġeddu r-rabta ta' qalbna mar-rieda qaddisa tiegħu
u nxandru l-fidi tagħna fi Kristu,
il-Feddej tad-dinja.

Iċ-ċelebrant jgħid:
Ħuti, nifirħu għal din l-isbaħ aħbar fl-istorja tal-bnedmin,
u b'qalbna mimlija radd il-ħajr,
flimkien mal-anġli li għannew f'Betlehem
u mal-Knisja mxerrda mad-dinja kollha,
inkantaw, Glorja 'l Alla u paċi lill-bnedmin kollha.

Titkanta l-Glorja.